# Ritratti fl-Istorja tal-Parroċċa

Mario Fenech

Matul dawn il-mitt sena li matulhom hija mwaqqfa l-Parroċċa tas-Sultanta tagħna seħħew tibdiliet kbar mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma pastorali tal-Patrijiet Franġiskani li jmexxu din il-Parroċċa iżda wkoll fl-ambjent ta' dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Tas-Sliema.

F'dawn ir-ritratti li għażilt mill-kollezzjoni tiegħi ser naraw tibdiliet li seħħew matul dawn is-snin.



*Ix-xatt ta' Tas-Sliema*

F'dan ir-ritratt miġbud minn fejn illum hemm il-*carpark* tax-xatt wara li ġiet imwessgħa t-triq. Ir-ritratt ġie miġbud lejn nofs is-snin tletin tas-seklu għoxrin u tidher sew kif kienet Triq il-Prinċep ta' Wales u l-ewwel kantuniera tagħha fi Triq San Duminku. Il-bini li hemm fl-ewwel parti ta' Triq ix-Xatt li tieħdok lejn il-Gżira huwa b'żewġ sulari u mibni b'uniformità. Il-kumplament tal-binjiet li hemm ma' din it-triq huma b'sular wieħed. Dawn kienu l-parti ta' wara tad-djar kbar bil-ġonna li kien hemm fi Triq il-Prinċep ta' Wales. Fit-tarf tar-ritratt fuq in-naħa tax-xellug tidher Villa Bonnici bil-ġnien kbir tagħha bil-ħajt bl-arkati li kienu jagħtu għal Triq ix-Xatt. 'Il fuq lejn in-naħa tat-telgħa tas-Savoy għadu kollu għelieqi.



*Il-Knisja tal-Ingliżi 1881*

Triq Rudolfu hija waħda mill-aktar toroq importanti tal-Parroċċa tagħna. Hija wkoll waħda minn tal-ewwel li ġiet iffurmata mal-iżvilupp li seħħ f'Tas-Sliema fil-bidu tas-seklu għoxrin. Hawnhekk tidher il-Knisja Anglikana ddedikata lit-Trinità Qaddisa. Biswiet il-Knisja hemm id-dar tar-Rettur filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt ħajt twil tas-sejjieħ li fil-preżent f'Tas-Sliema huwa biss storja li ntilfet mal-progress.



*Pjazza ta' fejn l-għassa*



*Fejn l-għassa mġarraf fil-gwerra*

Żewġ ritratti li għandhom kuntrast interessanti bejniethom jeħduna lejn il-wesgħa ta' ħdejn l-Għassa tal-Pulizija f'nofs Triq il-Prinċep ta' Wales. Ritratt li jagħtik l-impressjoni ta' trankwillita. Il-karozzin wieqaf quddiem l-ispiżerija li għadha hemm sal-lum. Tidher ukoll it-tinda tal-ħġieġ li kienet tgħatti l-latrina. Ir-ritratt l-ieħor għall-kuntrarju jurina dak li ħallew warajhom il-bombi tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Dan kien l-attakk tat-18 ta' Marzu 1942. Kienu mietu 20 u 22 oħra sfaw feruti.




*Ħruġ tal-Istatwa għall-purċissjoni*

Ritratt tal-ħruġ tal-purċissjoni bil-vara tas-Sultana tagħna. Kienu għadhom ma sarux il-famużi kuruni fuq ras il-Madonna u l-Bambin li għandha l-vara tal-lum. Il-bradella għadha dik l-antika. Kienet tintrefa bi tmien reffiegħa mhux b'għaxra bħalma hija llum.



*Is-sepulkru*

Ritratt tas-sepulkru kif kien jintrama fil-Knisja Parrokkjali tas-Sacro Cuor fis-snin sittin. Dan kien jinbidel kull sena fil-format tiegħu sakemm kien sar wieħed li kien jintrama bit-taraġ twil fuq wieħed mill-artali tan-navi. Dan tal-aħħar tneħħa ftit tas-snin ilu.

